



Brussell, 12 ta' Novembru 2020
(OR. en)

12867/20

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0241(NLE)**

**SCH-EVAL 183
ENFOPOL 299
COMIX 535**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	10 ta' Novembru 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	11634/20
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2020 tal- Ġermanja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal- kooperazzjoni tal-pulizija

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2020 tal-Ġermanja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija, adottata permezz ta' proċedura bil-miktub fl-10 ta' Novembru 2020.

F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, din ir-Rakkomandazzjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali.

RAKKOMANDAZZJONI

biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2020 tal-Ġermanja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li tirrakkomanda lill-Ġermanja azzjonijiet korrettivi biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija li saret fl-2020. Wara l-evalwazzjoni, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2020)4800, ġie adottat rapport li jkopri l-konklużjonijiet u l-valutazzjonijiet, u li jelenka l-aħjar prattiki u n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni.
- (2) Il-punti b'saħħithom tal-Ġermanja fir-rigward tal-kooperazzjoni internazzjonali fl-infurzar tal-liġi huma b'mod l-aktar notevoli l-proċess ta' analiżi tar-riskju strutturat u effettiv tagħha użat biex jiġu stabbiliti u indirizzati l-prijoritajiet rigward il-għieda kontra l-kriminalità, inkluż il-kriminalità transfruntiera, id-deċentralizzazzjoni tal-aċċess tagħha għall-Applikazzjoni tan-Netzwerk ta' Skambju ta' Informazzjoni Sigura tal-Europol u n-network internazzjonali wiesa' tagħha ta' uffiċjali ta' kollegament fil-pulizija li jkunu mħejjija tajjeb.

¹ ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

- (3) Fid-dawl tal-importanza li jkun hemm konformità mal-*acquis* ta' Schengen, b'mod partikolari r-rekwiżiti għall-irkupru u l-iskambju rapidi tal-informazzjoni kemm fl-istrutturi internazzjonali ta' kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi (fil-livell ċentrali kif ukoll fil-livell tal-istati federali) kif ukoll fuq il-post, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet 1 u 2 ta' hawn taħt.
- (4) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri. F'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, jenħtieġ li, fi żmien sitt xhur minn meta tiġi adottata, il-Ġermanja tipprovdi lill-Kummissjoni l-valutazzjoni tagħha ta' kif tista' timplimenta r-rakkomandazzjonijiet għal titjib, b'deskrizzjoni tal-azzjonijiet meħtieġa,

JIRRAKKOMANDA:

li jenħtieġ li l-Ġermanja

1. tħaffef il-forniment ta' apparat mobbli lill-uffiċjali tal-pulizija (eż. smartphones) b'aċċess għall-bażijiet ta' data nazzjonali u internazzjonali;
2. ittejjeb l-interfaċċa bejn is-sistemi differenti ta' ġestjoni tal-każijiet / is-sistemi ta' trattament tal-każijiet kriminali użati madwar il-Ġermanja mid-diversi organizzazzjonijiet tal-infurzar tal-liġi (l-aġenziji federali u l-awtoritajiet tal-pulizija tal-istati federali - il-*Landespolizei*) u s-sistemi konġunti aċċessibbli madwar il-pajjiż kollu, sabiex jiġu ssorveljati aħjar it-talbiet għall-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija u biex ikunu kkorrelati aħjar it-talbiet li jidħlu permezz tal-kanali varji;
3. tkompli l-isforzi bil-ħsieb tal-konklużjoni rapida tan-negozjati li għaddejjin biex iġġedded il-ftehimiet bilaterali ta' kooperazzjoni tal-pulizija mal-Belġju u l-Iżvizzera u tikkunsidra kuntatti ulterjuri ma' Franza, il-Lussemburgu u n-Netherlands biex jiġġeddu l-ftehimiet preċedenti fis-seħħ ma' dawk il-pajjiżi;

4. taċċellera l-implimentazzjoni tan-Netzwerk tal-Analiżi tal-Informazzjoni tal-Pulizija (*Poliizeitalicher Informations- und Analyseverbund*) biex tappoġġa l-kapaċità nazzjonali konġunta ta' analiżi tar-riskju li tħares 'il quddiem, li hija ta' benefiċċju għal rispons effiċjenti kontra l-kriminalità transfrontiera bl-involvement sħiħ tal-aġenziji kompetenti kollha tal-infurzar tal-liġi;
5. tkabbar l-għarfien fost l-uffiċjali tal-pulizija fil-livelli kollha dwar il-proċeduri ddedikati għar-rappurtar tal-każijiet interni ta' mgħiba ħażina jew suspett ta' korruzzjoni;
6. tikkunsidra li tipprovdi lill-awtoritajiet tal-investigazzjonijiet kriminali tal-pulizija u lid-dipartimenti doganali tal-investigazzjonijiet kriminali aċċess reċiproku ulterjuri għall-informazzjoni li huma rispettivament jittrattaw għal finijiet ta' investigazzjoni ta' kriminalità serja u organizzata, b'mod partikolari fir-rigward tal-assi u l-profitti kriminali u l-attivitajiet assoċjati magħhom ta' ħasil ta' flus;
7. timplimenta soluzzjonijiet li jeliminaw l-użu ta' dokumenti stampati biex jiġi razzjonalizzat l-ipproċessar tad-data fl-Uffiċċju Federali tal-Pulizija Kriminali (*Bundeskriminalamt*) – Punt Uniku ta' Kuntatt u jiġu kkunsidrati soluzzjonijiet simili fl-Uffiċċju tal-Pulizija Kriminali tal-Bavarja fi ħdan l-Uffiċċju ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (*Landeskriminalamt*);
8. tikkunsidra l-integrazzjoni tal-funzjonalitajiet elettroniċi tal-Faċilità ta' Tiftix Awtomatizzat tal-Interpol, li tkopri fost oħrajn il-bażi ta' data tal-Interpol dwar il-Vetturi bil-Mutur Misruqa, fis-"Sistema ta' Informazzjoni tal-Pulizija" nazzjonali INPOL permezz tal-bażi ta' data FIND (Fixed Interpol Network Database) tal-Interpol;
9. tkabbar l-għarfien dwar bażijiet ta' data speċifiċi tal-UE (eż. is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, EURODAC) u dwar bażijiet ta' data internazzjonali (speċjalment l-Interpol) u l-valur miżjud potenzjali tagħhom għall-investigazzjonijiet, inkluż billi jiżdied it-taħriġ għall-utenti finali f'dan ir-rigward;
10. tkompli tiżviluppa, f'termini ta' kontenut u faċilità ta' użu għall-utent, il-pjattaforma ta' tagħlim elettroniku "EXTRAPOL", ospitata fuq l-intranet konġunt tal-pulizija u tkabbar is-sensibilizzazzjoni tal-persunal tal-pulizija dwaru, b'mod partikolari biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għat-taħriġ dwar il-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija;

11. tiżviluppa t-taħriġ kontinwu dwar kwistjonijiet ta' kooperazzjoni internazzjonali fl-infurzar tal-liġi għall-persunal li jaħdem f'dan il-qasam, fost oħrajn billi jsir aktar użu ta' taħlim elettroniku u billi jiġi kkunsidrat li jsiru obbligatorji t-taħriġ mill-ġdid u ċ-ċertifikazzjoni mat-tlestija.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
